**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Mandat t'Inibizzjoni Nru **1046/2021 (AD)**

**MOON PAY LIMITED (C 88293)**

**VS**

**AWTORITA' TA' MALTA GĦAL SERVIZZI FINANZJARJI**

**Il-Qorti**:

1. Dan hu digriet finali wara talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni permezz ta' rikors tas-soċjeta' Moon Pay Limited ippreżentat fid-disgħa (9) ta' Lulju 2021, u risposta tal-Awtorita' Maltija għal Servizzi Finanzjarji (aktar 'il quddiem imsejħa 'MFSA' jew 'l-Awtorita') ippreżentat fid-dsatax (19) ta' Lulju 2021;

**Preliminari**

2. B'rikors preżentat fid-disgħa (9) ta' Lulju 2021, is-soċjeta' Moon Pay Limited, sabiex tikkawtela drittijiet tagħha, talbet lil din il-Qorti sabiex iżżomm lill-Awtorita' intimata milli tippubblika d-direttiva komunikata lis-soċjeta' esponenti bi kwalunkwe mod, inkluż fuq is-sit tal-MFSA, għal

diversi raġunijiet, inkluż, iżda mhux limitatament, sabiex ma jiġux ikkawżati danni irreparabbli lis-soċjeta' rikorrenti;

3. Il-Qorti, b'digriet mogħti nhar id-disgħa (9) ta' Lulju 2021 stess, wara li rat l-artikolu 875(2) tal-Kap 12, laqgħet it-talba provviżorjament u rriservat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri;

4. Permezz ta' risposta preżentata fid-dsatax (19) ta' Lulju 2021, l-Awtorita' opponiet għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni, u dan għar-raġuni illi fil-każ illi kellha tiġi milqugħa t-talba, l-MFSA kienet ser tkun qed tiġi mwaqqfa milli tagħmel dak illi hija obbligata illi tagħmel skont il-Kap 330 u l-Kap 590 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Il-Qorti semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Lulju 2021;

**Fatti tal-Każ**

6. Is-soċjeta rikorrenti ppremettiet illi f'ittra datata disgħa (9) ta' Lulju 2021 indirizzata lilha, l-Awtorita għarrfitha illi hija kienet qed timponi direttiva ai termini tal-Artikolu 41 tal-Att dwar l-Attiv Finanzjarju Virtwali u l-Artikolu 16 tal-Att dwar l-Awtorita' Maltija għas-Servizzi Finanzjarji, li permezz tagħha kienet qed tordna lis-soċjeta' rikorrenti sabiex twaqqaf l-operat tagħha minn Malta jew ġo Malta għar-raġunijiet imsemmija fl-ittra. Is-soċjeta' rikorrenti ħasset illi dan sar bi ksur tad-drittijiet tagħha, mingħajr ma qatt ingħatat l-opportunita' ġusta illi tiddefendi ruħha quddiem Tribunal jew Bord imparzjali. In oltre, fl-istess ittra, l-Awtorita' informat lis-soċjeta' rikorrenti illi kienet ser tippubblika l-kontenut tad-Direttiva relattiva. Bl-intiż illi tħares il-jeddijiet tagħha nnifisha, u sabiex tevita illi tiġi kkawżata ħsara irreparabbli għaliha, is-soċjeta' rikorrenti talbet il-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni, illi permezz tiegħu din il-Qorti ntalbet li l-Awtorita' tinżamm milli tippubblika d-Direttiva msemmija b'kwalunkwe mod, inkluż fuq is-sit tal-Awtorita' stess. Is-soċjeta' ppremettiet illi qed tfittex illi twaqqaf din il-pubblikazzjoni sabiex jiġu salvagwardjati d-drittijiet tagħha, wara li dawn kienu, fl-opinjoni tas-soċjeta' rikorrenti, inkisru b'Direttiva inġusta u manifestament żbaljata, kif

ukoll id-drittijiet għall-proċedimenti legali ġusti u d-dritt għal smiegħ xieraq u imparjzali, u dan sakemm jiġi determinat fil-mertu l-appell illi s-soċjeta' rikorrenti kienet biħsiebha tippreżenta sabiex tikkontesta d-deċiżjoni u d-Direttiva tal-Awtorita' kontenuti fl-ittra datata disgħa (9) ta' Lulju 2021;

7. Mill-banda l-oħra, l-Awtorita' opponiet għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni, u eċċepiet illi tali talba hija attentat sabiex l-Awtorita' tiġi mwaqqfa milli tagħmel dak li hi obbligata li tagħmel skont il-Kap 330 (senjatament Art 16(8) tal-Att) u l-Kap 590 tal-Liġijiet ta' Malta. L-Awtorita' tat spjegazzjoni aktar dettaljata tal-fatti tal-każ, u spjegat fir-risposta tagħha illi l-każ kien imur lura għall-għaxra (10) t'April 2020, meta l-Awtorita' rċeviet applikazzjoni għal 'Class 2 Virtual Financial Assets Licence' mingħand terza soċjeta' għan-nom tas-soċjeta' rikorrenti. L-Awtorita' kienet għamlet *compliance visit* f'Settembru 2020, fejn żammet numru ta' laqgħat ma' rappreżentanti u mpjegati tas-soċjeta' rikorrenti. Matul din l-ispezzjoni ġew identifikati numru ta' nuqqasijiet, u, peress illi s-soċjeta' informat lill-Awtorita' illi kienet qed taħdem sabiex tirregola ruħha, l-Awtorita' ħarġet *in-principle approval* f'Diċembru 2020 li kienet soġġetta għal numru ta' kundizzjonijiet, fosthom illi dawn in-nuqqasijiet kellhom jiġu rimedjati fi żmien tliet xhur. Is-soċjeta' rikorrenti talbet estensjoni ta' sittin ġurnata qabel l-iskadenza ta' dan it-terminu lilha konċess, u l- Awtorita' tat lis-soċjeta' estensjoni ta' tletin jum mit-tnejn u għoxrin (22) t'April 2021. In oltre, l-Awtorita' għamlet *compliance examination* oħra bejn is-sitta u għoxrin (26) t'April u l-ħamsa (5) ta' Mejju 2021, fejn ġew identifikati numru ta' nuqqasijiet, fosthom dawk in-nuqqasijiet illi kienu ġew identifikati fil-*compliance visit* preċedenti. Fid-dawl ta' dan, l-Awtorita' bagħtet *minded letter* lis-soċjeta' rikorrenti fis-sitta u għoxrin (26) ta' Mejju 2021, illi fiha informatha illi kellha tieqaf taċċetta klijenti ġodda, u ilil kienet biħsiebha tieħu azzjoni regolatorja fil-konfront tagħha ai termini tal-VFA Act. Din id-Direttiva ġiet pubblikata. Wara illi s-soċjeta' rikorrenti ntavolat is-sottomissjonijiet tagħha fl-ewwel (1) ta' Ġunju 2021, l-Awtorita' kkunsidrathom, u sussegwentement tat deċiżjoni fid-disgħa (9) ta' Lulju 2021 fejn irrifjutat estensjoni oħra tal-*in-principle approval* ta' Diċembru 2020, u ħarġet direttiva illi permezz tagħha waqqfet lis-soċjeta' milli tkompli

topera f'Malta. Din id-deċiżjoni u d-direttiva kellhom jiġu pubblikati, u hija din il-pubblikazzjoni li tifforma l-mertu tal-mandat odjern;

8. Jiġi senjalat illi għalkemm il-verżjoni tal-fatti kif ġraw hija aktar dettaljata fir-risposta tal-Awtorita', **<u>l-istess fatti ma ġew kontestati fl-ebda ħin mis-soċjeta' rikorrenti</u>**, u għaldaqstant din il-Qorti qed tikkonkludi illi hemm qbil bejn il-partijiet f'dan ir-rigward;

9. In oltre, minbarra spjegazzjoni tal-fatti kif ġraw, l-Awtorita' eċċepiet ukoll illi ma jeżistux l-elementi meħtieġa skont il-liġi għall-ħruġ tal-mandat odjern, u dan stante illi (i) s-soċjeta' rikorrenti m'għandhiex jedd *prima facie* li tagħmel talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni stante illi d-deċiżjoni u direttiva tal-Awtorita' diġa' nħarġu u l-pubblikazzjoni tal-istess m'huma xejn ħlief konsegwenza naturali; (ii) is-soċjeta' rikorrenti m'għandhiex jeddijiet x'tipproteġi anke fuq livell ta' *prima facie* għaliex il-pubblikazzjoni hija kruċjali sabiex l-Awtorita' tkun tista' teżerċita u taqdi l-funzjonijiet mogħtija lilha mil-liġi; u (iii) l-unika raġuni għat-talba tal-ħruġ ta' dan il-mandat hija l-biża' tas-soċjeta' rikorrenti illi ssofri danni finanzjarji, u għalhekk il-mandat huwa nieqes mill-element ta' irrimedjabbilita';

**Il-Qorti**

10. Wara illi rat id-dokumenti esebiti mill-partijiet u l-atti kollha preżentati; u

11. Wara illi semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Lulju 2021;

12. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet**

13. Fl-ewwel lok, issir referenza għall-Artikolu 873(1) tal-Kap 12, illi jistabbilixxi illi, *"L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat"*, filwaqt illi skont l-Artikolu 873(2), imbagħad, *"Il-Qorti*

*m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet*";

14. Minn dawn il-provvedimenti tal-liġi, għalhekk, jirriżulta illi sabiex tiġi milqugħa talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni għandhom jissussistu tliet (3) elementi:

    a. Il-Qorti għandha tkun sodisfatta illi l-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet illi r-rikorrent qiegħed jippretendi illi għandu;

    b. Il-Qorti għandha teżamina jekk ġiex pruvat illi r-rikorrent għandu *prima facie* dawn il-jeddijiet;

    c. Il-Qorti għandha tkun sodisfatta illi dak illi r-rikorrent qiegħed jitlob illi l-intimat jiġi inibit milli jagħmel, jaf jikkawża preġudizzju lir-rikorrent fil-każ illi l-mandat ma jiġix akkordat.

15. Il-Qrati Maltin kellhom diversi drabi l-opportunita' illi jeżaminaw dawn it-tliet elementi u jagħtu intreptezzjanijiet komprensivi lill-istess. Hekk kif ingħad fid-digriet fl-ismijiet ***George Camenzuli vs Awtorita' għat-Trasport f'Malta et***[1],

> *Għalhekk, bil-liġi, jeħtieġ li jiġu sodisfatti żewġ kriterji. L-ewwel kriterju hu li jrid juri li l-mandat hu meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent, tant li bin-nuqqas tal-ħruġ tiegħu ir-rikorrent ser isofri preġudizzju. It-tieni kriterju hu li r-rikorrent ikun jidher li għandu prima facie dawk il-jeddijiet.*
>
> *Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' mandat bħal dan ikollha prima facie l-jeddijiet pretiżi hi ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-*

[1] Rik Nru 648/2019, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 20 ta' Ġunju 2019, Onor Imħ Lorraine Schembri Orland

*ġudikant. Ikkonsidrat li mill-istess kliem tal-liġi, iż-żewġ elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi. Jekk xi wieħed minn dawn l-elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-mandat bħal dak. Illi din hi proċedura intiża biex titqies bħala waħda sommarja billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kull ma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ ta' kawża dwar l-istess jedd.*

*Ikkonsidrat inoltre, li l-Mandat ta' inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provvediment legali. L-istħarriġ li jrid isir mill-Qorti f'talba bħal din huwa dak, jekk mingħajr il-ħruġ tal-mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli.*

16. In oltre, fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Claudine Xerri vs Maltco Lotteries Limited***[2], il-Qorti eżaminat l-elementi tal-jedd *prima facie*, u kkunsidrat illi, *"Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk prima facie, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikulta', disaġju jew tħassib (ara digriet – Qorti tal-Kummerċ –* ***26 ta' Mejju 1995*** *fl-atti tar-Rikors għal-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet* **Cassar Pullicino noe vs Caruana Curran noe et** *(Kollez Vol : LXXIX.iv.1387))"*;

17. Kompliet ukoll tispjega l-Qorti fl-istess digriet:

*Tenut kont tal-fatt illi s-subinċiż (2) huwa marbut mas-subinċiż (1) tal-Artikolu 873, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-preġudizzju. Rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, il-grad ta' preġudizzju rikjest bħala bażi ta' akkordar ta' ħruġ ta' mandat, hu preġudizzju "**li ma jkunx jista' jiġi irrimedjat".***

[2] Mandat Nru 531/2018/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 3 ta' Mejju 2018, Onor Imħ Jacqueline Padovani Grima

*Irid jingħad ukoll **jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat** (vide digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili deċiż fit-**2 ta' Jannar 1993** – Atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **Avukat Victor Borg Grech vs Joseph Gasan et noe**)*

*Illi apparti minn dan, ħsara jew preġudizzju **ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju cioe telf ta' qliegħ ta' flus.** Di fatti, skond l-insenjament mogħti fid-digriet finali fl-ismijiet **Francis Barbara et vs Carmelo Barbara et** deċiża fit-**13 ta' Mejju 2014**, per Onor Imħallef J. R. Micallef:*

> ***"<u>Tqis illi huwa wkoll miżmum li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax ġeneralment fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'remedju proċedurali kawtelatorju ieħor skond il-liġi</u>."***
> *(Enfasi ta' din il-Qorti)*

*Vide wkoll **IWT Group Malta Ltd vs Direttur Ġenerali Kuntratti et** deċiża fil-**11 ta' Marzu 2003; Giovann Grech vs Kristen Grech** deċiża fil-**21 ta' Mejju 2015**; **Charles Schembri vs Victor Vella** deċiża **23 ta' Ġunju 2015**; **Bollicine Limited vs Pyramid Hotels Limited** deċiża fit-**13 ta' Ottubru 2015**.*

18. Il-Qorti sejra għalhekk tgħaddi sabiex teżamina jekk ir-rekwiżiti illi għandhom jissussistu għall-ħruġ tal-mandat odjern jirriżultawx jew le:

**A. <u>L-Ewwel Rekwiżit: Il-Mandat għandu jkun meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-Rikorrent</u>**

19. Is-soċjeta' rikorrenti ssostni fir-rikors tagħha illi l-mandat huwa meħtieġ sabiex is-soċjeta' rikorrenti tissalvagwardja drittijiet tagħha wara li nkisru b'Direttiva inġusta u manifestement żbaljata, kif ukoll id-drittijiet għall-proċedimenti legali ġusti u d-dritt għal smiegħ xieraq u imparzjali. Fit-trattazzjoni quddiem din il-Qorti, is-soċjeta' rikorrenti saħqet illi, effettivament, kienet qed tipprova tipproteġi d-dritt tagħha illi ma sseħħx publikazzjoni tad-deċiżjoni u Direttiva sakemm jiġi determinat l-appell minn Tribunal indipendenti u imparzjali;

20. Min-naħa l-oħra, l-Awtorita' tikkontendi illi d-deċiżjoni u direttiva tal-Awtorita' datati disgħa (9) ta' Lulju 2021 diġa nħarġu u l-pubblikazzjoni tal-istess hija biss konsegwenza naturali;

21. Il-Qorti fliet id-dokumenti illi ġew preżentati mal-atti, u minn dawn id-dokumenti setgħet tosserva s-segwenti:

   a. Il-*Minded Letter* immarkata bħala **Annex 1** ma' **Dok B** ippreżentat fl-atti ta' din il-kawża, datata sitta u għoxrin (26) ta' Mejju 2021 ħarġet Direttiva lis-soċjeta' rikorrenti, *"to cease the on-boarding of new clients with immediate effect"*. Ġie wkoll indikat f'din l-ittra illi *"the contents of this Directive will be made public"*;

   b. In oltre, fl-istess ittra, l-Awtorita' avżat lis-soċjeta' rikorrenti illi *"the Authority is minded to, in terms of the powers granted to the MFSA under Article 15 of the Act, refuse the granting of the Class 2 Virtue Financial Assets Licence"*. Is-soċjeta' rikorrenti ġiet mogħtija l-opportunita' illi tippreżenta sottomissjonijiet tagħha dwar in-nuqqasijiet elenkati mill-Awtorita' fil-*minded letter* sal-ewwel (1) ta' Ġunju 2021, u ġiet ukoll avvżata illi d-deċiżjoni finali tal-Awtorita' eventwalment tiġi pubblikata;

   c. Is-soċjeta' rikorrenti ħadet l-opportunita' mogħtija lilha mill-Awtorita', u għamlet is-sottomissjonijiet tagħha permezz ta' ittra datata l-ewwel (1)

ta' Ġunju 2021 (**Annex 2** ma' **Dok B**). F'din l-ittra, is-soċjeta' rikorrenti, permezz ta' *timeline*, irrikonoxxiet il-fatt illi t-trattattivi mal-Awtorita' kienu ilhom għaddejjin sa minn Ottubru 2018, u li, fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Diċembru 2020, *"The Authority issues an 'In-Principle Approval' notifying the Company that it has no objection to the issue of a Class 2 VFA licence to provide the VFA service of execution of orders on behalf of other person to be experienced and non-experienced investors"*. Is-soċjeta' rikorrenti telbora, iżda, illi fit-tmintax (18) ta' Marzu, issottomettiet numru ta' dokumenti illi kellhom jiġu sottomessi *"Further to the instructions of the Authority that the in-principle approval is subject to the satisfactory resolution of the matters outlined in the Authority's letter dated 22 December"*, u *"in fulfilment of the pre-licensing conditions"*;

d. Is-soċjeta' rikorrenti tagħlaq l-ittra tagħha suriferita billi titlob għall- *"the Authority's leniencey to allow a period of 30 days of not publishing the cessation of the license grant while the Company will work with the Authority to provide proof of all policies effectuated in fulfilment of the pre-licensing conditions imposed by the Authority"*;

22. Jirriżulta għalhekk illi s-soċjeta' rikorrenti effettivament **kemm-il darba** ngħatat l-opportunita' li tirregola ruħha. Saru diversi laqgħat, għamlet sottomissjonijiet bil-miktub, u saħansitra anke ngħatat diversi estensjonijiet taż-żmien mill-Awtorita' sabiex tilħaq tottempora ruħha mal-kundizzjonijiet imposti mil-liġi Maltija. **Is-soċjeta' rikorrenti saħansitra għad għandha l-opportunita' illi tappella minn din id-deċiżjoni u Direttiva quddiem it-Tribunal appositu**;

23. **Ma jirriżultax, għalhekk, lil din il-Qorti, illi, bil-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni u Direttiva tal-Awtorita', inkiser, jew jista' jinkiser, xi dritt tas-soċjeta' rikorrenti għal smigħ xieraq u imparzjali**. Se mai, jekk, għall-grazzja tal-argument, is-soċjeta' rikorrenti tħoss illi l-proċedura għall-akkwist ta' liċenzja kisritilha, u/jew ser tiksrilha, d-drittijiet tagħha għal

smiegħ xieraq u imparzjali, kellha tikkonsidra passi legali oħra, iżda żgur illi mhux din it-talba u dan il-forum;

**B. <u>It-Tieni Rekwiżit: Is-Soċjeta' Rikorrenti jrid ikollha tali jedd *prima facie*</u>**

24. Is-soċjeta' rikorrenti qed tissottometti illi hija qed tipprova tipproteġi d-dritt tagħha illi l-pubblikazzjoni ma sseħħx sakemm jiġi determinat l-appell. Madanakollu, hija l-fehma tal-Qorti illi, effettivament, hija l-Awtorita' illi għandha d-dritt (u l-obbligu) illi tippubblika d-deċiżjoni u d-direttiva, u mhux is-soċjeta' rikorrenti illi żżommha milli tagħmel dan;

25. Il-Qorti rat l-**Artikolu 16(8) tal-Kap 330**, illi jimponi fuq l-Awtorita' l-obbligu illi tippubblika, *"Kull sanzjoni jew miżura amministrattiva jew dixxiplinari, ta' liema tip tkun, inkluż kull twiddib jew twissija, imposti jew deċiżi mill-Awtorita' taħt liġi li tkun responsabbli biex tamministraha"* u dan *"b'dak il-mezz u b'dak il-mod u għal dak iż-żmien li jista' jitqies li jkun meħtieġ miċ-ċirkostanzi u x-xorta u l-gravita' tal-ksur jew għemil ħażin"*. Rat ukoll l-**Artikolu 41(4) tal-Kap 590** illi jgħid, *"Fejn l-awtorita' kompetenti tkun sodisfatta li ċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu, hi tista' f'kull żmien tippubblika kull direttiva li tkun ħarġet taħt id-disposizzjoni ta' dan l-artikolu."* Jirriżulta għalhekk illi taħt il-Kap 330, l-Awtorita' hija **<u>obbligata</u>** illi tippubblika, filwaqt illi taħt il-Kap 590, l-Awtorita' għandha **<u>diskrezzjoni</u>** illi tippubblika. Jidher illi fil-każ odjern, l-Awtorita' ħasset il-ħtieġa illi tippubblika d-deċiżjoni u d-direttiva, u dan sabiex tinforma lil terzi bl-istess. Ma jirriżulta illi jissussisti l-ebda dritt tas-soċjeta' rikorrenti illi deċiżjoni ma tiġix pubblikata. Jekk, għall-grazzja tal-argument, is-soċjeta' rikorrenti qed tikkontesta d-deċiżjoni tal-Awtorita' illi tippubblika d-direttiva ai termini tal-Art 41(4) sakemm jiġi deċiż l-Appell, żgur illi l-proċeduri odjerni mhumiex il-proċeduri idonei sabiex issir tali kontestazzjoni;

26. Is-soċjeta' rikorrenti tagħmel referenza fit-trattazzjoni tagħha għall-proviso tal-**Artikolu 21(17) tal-Kap 330**, illi jipprovdi kif isegwi: *"Appell magħmul taħt dan l-artikolu ma jissospendix l-operat ta' xi deċiżjoni jew direttiva li*

*minnha jsir l-appell: Iżda deċiżjoni biex tkun kanċellata liċenzja ma tibdiex isseħħ sakemm jgħaddi ż-żmien li fih jista' jsir appell taħt dan l-artikolu [...]."* Il-każ odjern, iżda, non si tratta minn deċiżjoni sabiex tiġi kanċellata liċenzja, għaliex, effettivament, liċenzja għadha qatt ma ngħatat. Si tratta iżda minn konċessjoni illi ngħatat is-soċjeta' **qabel** ma ngħatat il-liċenzja, liema konċessjoni s-soċjeta' kienet ben konxja illi kienet marbuta ma' diversi kundizzjonijiet illi kellhom jiġu sodisfatti qabel ma effettivament tingħata l-liċenzja. Kienet is-soċjeta' rikorrenti stess illi, f'**Annex 2,** elenkat diversi istanzi fejn issottomettiet dokumentazzjoni ulterjuri fuq talba tal-Awtorita', u tirrikonoxxi l-fatt illi l-*in-principle approval* huwa distint mil-liċenzja innifisha. Dan billi taċċenna għall-fatt illi d-dokumentazzjoni illi ġiet sottomessa wara l-*in-principle approval* huma, fil-fatt, *"in fulfilment of **pre-licensing** conditions"*[3]. Saħansitra anke fil-*minded letter* ġie indikat illi l-Awtorita' kienet *"minded to (...) refuse the granting of the Class 2 Virtual Financial Assets Licence"*, u cioe mhux *"revoke the licence"* jew kliem ieħor ta' din ix-xorta;

27. **Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti mhix tal-fehma illi s-soċjeta' rikorrenti għandha xi jeddijiet *prima facie* illi jistgħu jiġu kawtelati bil-ħruġ tal-mandat kif mitlub. B'hekk jirriżulta nieqes ukoll it-Tieni Rekwiżit**;

## C. It-Tielet Rekwiżit: Il-Preġudizzju illi jista' jiġi kkawżat lir-Rikorrent fil-każ illi l-mandat ma jiġix akkordat, huwa wieħed Irrimedjabbli

28. Minkejja l-fatt illi, fin-nuqqas tal-ewwel u/jew it-tieni rekwiżiti, din il-Qorti diġa' għandha bażi illi fuqha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-mandat odjern, il-Qorti ma tistax ma tagħmilx referenza għall-fatt illi anke li kieku s-soċjeta' rikorrenti ser tbati xi preġudizzju mill-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni u direttiva tad-disgħa (9) ta' Lulju 2021, tali preġudizzju jista' faċilment jiġi rimedjat jekk eventwalment jintlaqa' l-Appell u l-kumpanija rikorrenti tkun awtorizzata illi tkompli topera u tingħata liċenzja. Għaldaqstant, fid-dawl

[3] Emfasi ta' din il-Qorti.

anke ta' dak ritenut f'ġurisprudenza suċitata, **<u>lanqas jirriżulta sodisfatt it-tielet rekwiżit fil-każ odjern</u>**.

**Decide**

29. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **<u>Tirrevoka</u>** *contrario imperio* id-digriet tagħha tad-disgħa (9) ta' Lulju 2021 billi ma jeżistux l-elementi neċessarji għall-ħruġ ta' Mandat t'Inibizzjoni kontra l-intimata;

(ii) **<u>Tiċħad</u>** it-talba kif dedotta għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni fil-konfront tal-intimata.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kontra s-soċjeta' Moon Pay Limited.

**Digriet kamerali mogħti llum, it-Tnejn, 26 ta' Lulju 2021.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Graziella Abela**
**Deputat Reġistratur**